**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il- Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**-vs-**

**Gary Anthony Wingfield, detentur tal-karta tal-identita` 391602(L)**

***Kump. Nru. 1142/2013***

Illum 20 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gary Anthony Wingfield talli:

> Nhar is-17 ta' Novembru 2013 għall-ħabta ta' xis-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) ġewwa Triq Hompesch, Fgura, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Carmel Cutajar f'periklu ċar, ikkaġuna ġireħi ta' natura gravi fuq tiegħu liema ġrieħi ġew iċċertifikati bħala gravi minn Dr Daniel Youkee Med Reg 5483, tabib tal-emerġenza ġewwa l-Isptar Mater Dei.
>
> Talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanza ħebb għal Pawlu Cutajar u kkaġunalu feriti ta' natura ħafifa skont ma ċċertifika Dr John Bonello miċ-ċentru tas-saħħa ta' Raħal Ġdid.
>
> Aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanza volontarjament kiser il-kwiet u l-paċi pubbliku b'għajjat u ġlied.

Talli ukoll fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta kkundizzjonata mogħtija mill-qorti tal-Maġistart Dr C Peralta LL.D ai termini tal-Kap 446 Art 22 datata 13 ta' Frar 2013.

Ukoll talli naqas milli jħares xi waħda, w/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, Maġistrat, Dr A Micallef Trigona LL.D b'digriet datat 4 ta' Diċembru 2012 li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja.

Talli ukoll naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja, Maġistrat Dr M.A. Farrugia LL.D., b'digriet datat 28 ta' Jannar, 2013, li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena applikabbli għar-reati msemmija, tirrevoka contrario imperio iż-żewġ imsemmija digrieti tal-ħelsien mill-arrest datat u tordna l-arrest mill-ġdid ta' Gary Anthony Wingfield. Kif ukoll li tordna li s-somom depożitati fir-reġistru ta' din il-Qorti, oħra bħala garanzija personali, li ġew imposti fuqu sabiex jagħmel tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex titratta mal-imputat bħala reċediv in vista ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula jew imħassra u dan ai termini 49, 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba illi f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat u dan ai termini tal-artikolu 412C.

Rat li fis-seduta tallum gie prezentat certifikat tal-mewt tal-imputat.

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti qed tghaddi biex tiddikjara dan il-procediment ezawrit.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**